MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 27/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charles sive Charlot Mangion**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba permezz ta' att ta' citazzjoni (datata 28 ta' Settembru 2005) mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charles sive Charlot Mangion, bin George u Dolores nee Portelli, imwieled fit-30 ta' Ottubru 1975, detentur tal-karta tal-identita` nru 25276M, talli fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Jannar 2001 (**1**) mill-hanut bl-isem "Family Store" sitwat fi Triq Dun Gorg Preca, Ghaxaq, ikkommetta serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' Paul Sciberras minn Hal-Ghaxaq, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li ma jeccedix l-elf lira u hin; (**2**) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, a dannu tal-istess Paul Sciberras, liema hsara

tammonta ghal izjed minn ghaxar liri izda mhux aktar minn hamsin lira; (**3**) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew b’kull mod li jkun xjentement indahal biex ibieghhom jew imexxihom; kif ukoll (**4**) li sar recidiv skond l-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap. 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta’ Jannar 2009 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Charles sive Charlot Mangion hati skond l-ewwel u skond it-tieni imputazzjoni, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni stante li din kienet alternattiva ghall-ewwel wahda, u lliberatu mir-raba’ imputazzjoni, u kkundannatu tmintax-il xahar prigunerija; inoltre dik il-qorti kkundannat lill-imsemmi Mangion ihallas is-somma ta’ hames mija u tmienja w sebghin euro u hmistax-il centezmu spejjez peritali skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9;

Rat it-talba tal-imsemmi Charles sive Charlot Mangion ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza, liema talba giet debitament akkordata; rat ir-rikors ta’ appell tieghu tat-3 ta’ Frar 2009, li permezz tieghu huwa talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-appell hu limitat ghall-piena. L-appellant jikkontendi li huwa m’ghandux jinghata piena karcerarja jew li, ghall-anqas, il-piena ta’ tmintax-il xahar prigunerija ghandha tigi sospiza. Hu jghid li llum irriforma ruhhu. Issa, l-unika suppost prova ta’ tali “riforma” tikkonsisti f’dak li l-ufficjal prosekutur, l-Ispettur Carmelo Magri, qal fid-deposizzjoni tieghu tal-20 ta’ Jannar 2006:

**“Li nixtieq nghid ukoll, Sinjura Magistrat, huwa li xi zmien ilu l-imputat li kien gie l-ufficcju tieghi u kien qal li ried ibiddel hajtu ghax tilef il-familja tieghu u ammetta dan il-kaz. Qalli dak la inkun il-Qorti nammetih, u mhux hekk biss talli tant ried ibiddel**

**hajtu qal illi taghni serqa ohra, ammetta fuq serqa ohra li mhux qieghed akkuzat biha llum."**[1]

Hu, pero`, mhux biss ma ammetta xejn – ghax fil-fatt ikkontesta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, inkluzi dawk li taghhom instab hati – izda fit-trattazzjoni quddiem il-Qorti Inferjuri l-abbili difensur tal-imputat, apparti li ma accenna b'ebda mod ghal xi "riforma" tal-klient tieghu, ried addirittura li dik il-qorti tinjora ghal kollox dak li kien intqal verbalment mill-istess imputat lill-Ispettur Magri u hawn fuq riportat[2]. Minbarra dan, jidher li l-appellant, allura imputat, ipprova anke jtawwal iz-zminijiet billi ma jidhirx ghal diversi udjenzi -- ara 12/10/2006, fejn gie kkundannat multa ta' Lm50 u nhareg mandat ta' arrest; 16/3/2007, fejn rega' gie mmultat Lm50 u rega' nhareg mandat ta' arrest; 4/4/2008, multa ta' €80 u mandat ta' arrest iehor; u 25/7/08, meta rega' gie kkundannat, din id-darba €100 u ghar-raba' darba inhareg mandat ta' arrest. Hu qatt ma pprova jiggustifika dawn l-assenzi tieghu. Anke quddiem din il-Qorti huwa naqas li jidher – kif effettivament ghamel nhar il-Gimgha li ghaddiet – u meta l-bierah deher mhux assistit, qal semplicement li kien "nesa". Dan, certament, ma huwiex agir ta' persuna li "irriformat ruhha". Apparti minn hekk il-fedina penali tal-appellant, ezebita quddiem il-Qorti Inferjuri[3], fiha xejn anqas minn tlettax-il faccata u sittax-il kundanna. Huwa kien precedentement tqieghed taht probation f'zewg okkazjonijiet, inghata *conditional discharge* erba' darbiet, u gie kkundannat il-habs f'zewg okkazjonijiet ohra. Fost dawn il-kundanni hemm erbgha ghal serq jew tentattiv ta' serq, wahda ghal pussess tal-*cannabis*, u tnejn ghal offiza fuq il-persuna.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-piena inflitta mill-ewwel qorti kienet perfettament gustifikata. Ir-rikors tal-appell jirrazenta l-fieragh.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tigbed l-attenzjoni tar-Registratur, Qrati Kriminali u Tribunali, ghad-diversi pieni pekunjarji

[1] Fol. 74.
[2] Fol. 121.
[3] Fol. 80 sa 86.

inflitti fuq il-hati Charles sive Charlot Mangion mill-1994 'l hawn (inkluzi dawk ghal disprezz) sabiex jiehu hsieb li dawn jingabru jew jigu konvertiti fi prigunerija jew detenzjoni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------